

Brussell, 11 ta' Mejju 2021
(OR. en)

8550/21

AGRI 208
AGRILEG 99
SEMENCES 24
PHYTOSAN 15

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Studju dwar l-opzjonijiet tal-Unjoni biex tiġi aġġornata l-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal riproduttiv tal-pjanti <i>- Skambju ta' fehmiet</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness nota ta' informazzjoni tal-Presidenza għall-iskambju ta' fehmiet dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq fil-laqgħa tal-Kunsill ("Agrikoltura u Sajd") tas-26 u s-27 ta' Mejju 2021.

NOTA TA' INFORMAZZJONI DWAR

Opzjonijiet biex tiġi aġġornata l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal riproduttiv tal-pjanti – Segwitu għall-istudju tal-Kummissjoni

1. Il-materjal riproduttiv tal-pjanti (PRM) għandu rwol ewlieni fil-kisba ta' agrikoltura tal-UE aktar sostenibbli, produttiva u diversifikata. Varjetajiet ta' pjanti ġodda u mtejba huma essenzjali għall-bdiewa biex jiżguraw produttività aħjar u kwalità mtejba tal-ikel, għall-adattament għat-tibdil fil-klima u għall-ġlieda kontra l-pesti tal-pjanti b'inqas użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.
2. Il-materjal riproduttiv tal-foresti (FRM) huwa l-punt tat-tluq għall-ħolqien ta' foresti ġodda u r-riforestazzjoni tal-foresti eżistenti. It-tisħin globali diġà għandu impatt negattiv u dejjem jiżdied fuq il-foresti tal-Ewropa billi jċaqlaq reġjuni bijoġeografiċi lejn it-Tramuntana u 'l fuq.
3. L-iżviluppi reċenti jenfasizzaw il-ħtieġa li l-PRM u l-FRM jikkontribwixxu għall-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Istrateġiji relatati tiegħu mill-Għalqa sal-Platt, l-Istrateġija ta' Adattament għat-Tibdil fil-Klima tal-UE, l-Istrateġija għall-Bijodiversità, l-Istrateġija Diġitali Ewropea u l-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti.
4. Il-Kunsill talab lill-Kummissjoni biex tippreżenta studju dwar l-opzjonijiet biex tiġi aġġornata l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal riproduttiv tal-pjanti ("l-istudju dwar il-PRM"). Il-Kummissjoni ppreżentat dak l-istudju fid-29 ta' April 2021.
5. L-istudju dwar il-PRM, li jkopri kemm il-PRM kif ukoll l-FRM, huwa l-aktar pass reċenti tal-proċess, li beda aktar minn għaxar snin ilu. F'Mejju 2013, il-Kummissjoni adottat proposta għal Regolament dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal riproduttiv tal-pjanti. Dik il-proposta ġiet irrifjutata mill-Parlament Ewropew fl-2014 peress li qies li Regolament wieħed ma setax ikopri kemm il-PRM kif ukoll l-FRM u minħabba xi tħassib ieħor. Il-proposta ġiet irtirata mill-Kummissjoni fl-2015. Dak iż-żmien, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni biex tiżviluppa proposta emendata b'bidliet sostantivi.

6. F'dawn l-aħħar snin kien hemm żviluppi tekniċi ġodda fis-settur tal-produzzjoni u tat-tnissil tal-PRM u l-FRM. Dan huwa akkumpanjat minn domanda dejjem tikber għas-sostenibbiltà fl-agrikoltura u l-foresti, l-adattament għal, u l-mitigazzjoni tal-impatt tat-tibdil fil-klima, ħtieġa dejjem akbar għall-konservazzjoni tal-varjetajiet tradizzjonali u l-iżvilupp ta' varjetajiet adattati għall-kultivazzjoni organika.
7. L-istudju dwar il-PRM jikkonferma li s-sejbiet ewlenin tal-ħidma preparatorja għall-proposta tal-PRM tal-2013 jibqgħu ġeneralment validi anke llum. Jidentifika wkoll sfidi ġodda li jirriflettu l-iżviluppi fis-settur li seħħew minn dak iż-żmien 'l hawn.
8. L-istudju dwar il-PRM jidentifika l-problemi ewlenin li ġejjin bil-leġiżlazzjoni eżistenti:
- Il-leġiżlazzjoni frammentata, żviluppata fuq diversi deċennji, tikkawża nuqqas ta' koerenza bejn id-Direttivi dwar il-kummerċjalizzazzjoni, tħalli lok għall-interpretazzjoni, u tikkontribwixxi għal implimentazzjoni mhux uniformi.
 - Proċeduri kumplessi u riġidi jfixxlu l-emendi tekniċi u joħolqu proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet ikkumplikati.
 - Ir-riġidità tal-qafas legali attwali tikkomplika l-ħolqien ta' sinerġiji ma' politiki oħra, b'mod partikolari l-Patt Ekoloġiku u l-istrateġiji relatati tiegħu.
 - Ma hemm l-ebda qafas armonizzat u bbażat fuq ir-riskju għall-kontrolli uffiċjali.
 - Il-qafas legali attwali ma jippermettix li jitqiesu l-iżviluppi tekniċi u xjentifiċi kollha li joħolqu ostakli għall-aċċess għas-suq tal-PRM u l-FRM miksuba permezz tal-progress xjentifiku u tekniku.
9. L-istudju dwar il-PRM jidentifika l-opzjonijiet li ġejjin biex jiġu indirizzati dawn il-problemi:
- **Opzjoni 0: Ma jsir xejn**
Jiffoka fuq l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni b'mod li jqis l-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt.
 - **Opzjoni 1: It-titjib tal-proċeduri u tal-koerenza tal-leġiżlazzjoni, u l-introduzzjoni ta' miżuri *ad hoc* biex tiżdied is-sostenibbiltà**
Din l-opzjoni tkun tinkludi emendi għad-Direttivi biex jiġu allinjati l-istruttura u l-proċeduri tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom, kif ukoll biex jiġu introdotti miżuri b'appoġġ għas-sostenibbiltà.

- **Opzjoni 2: Flessibbiltà għall-adattament għall-iżviluppi teknoloġiċi, għat-titjib tal-aċċess għar-riżorsi ġenetiċi u għall-indirizzar tal-oġġettivi ta' sostenibbiltà b'mod koerenti**

Din l-opzjoni twieġeb b'mod aktar komprensiv għall-ħtieġa ta' aktar sostenibbiltà, aktar bijodiversità u adattament/mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Hija tqis il-partikolaritajiet tal-iskambju taż-żrieragħ bejn il-bdiewa, u tippermetti adattament faċli tal-leġiżlazzjoni għall-iżviluppi xjentifiċi u tekniċi. Din tinkludi żewġ subalternattivi, 2A u 2B, li jindirizzaw opzjonijiet ta' politika differenti relatati mal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi, il-limitu tal-flessibbiltà mogħtija lill-operaturi u l-awtoritajiet kompetenti, u l-kontrolli uffiċjali.

10. Il-Kummissjoni tqis li jeħtieġ li tittieħed azzjoni fil-qasam tal-PRM u l-FRM biex jiġu indirizzati l-aħħar żviluppi xjentifiċi u t-tħassib li fuqu kienet ibbażata t-talba tal-Kunsill, u li huwa kkonfermat aktar permezz tal-istudju dwar il-PRM.
11. Il-Kummissjoni kkonkludiet li hemm biżżejjed evidenza u bażi xjentifika biex tittieħed azzjoni politika, li ser tinvolvi t-twettiq ta' valutazzjoni tal-impatt. Għalhekk hija għandha l-intenzjoni, wara konsiderazzjoni dovuta tal-eżitu ta' valutazzjoni tal-impatt, li tadotta proposta leġiżlattiva li tirrevedi l-qafas legali attwali.
12. Il-Ministri fil-laqgħa tal-Kunsill Agrikoltura u Sajd tas-26 u s-27 ta' Mejju 2021 huma mistiedna biex jieħdu sehem fi skambju ta' fehmiet abbażi tal-mistoqsijiet li ġejjin:
 - a) *L-istudju dwar il-PRM identifika l-problemi rilevanti kollha?*
 - b) *Taħseb li hemm bżonn ta' azzjoni u, jekk iva, x'għandu jkun il-livell ta' ambizzjoni tal-proposta biex jiġu indirizzati l-problemi identifikati?*
 - c) *Hemm xi opzjonijiet addizzjonali x'jiġu kkunsidrati?*